MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 7/2002/2

**Joseph Zammit**

**v.**

**Bernardette Zammit**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Din hija kawza fejn iz-zewg partijiet fuq imsemmija, li zzewgu fit-28 ta' Gunju 1998 u kellhom tifel fl-10 ta' Dicembru 1999, qeghdin jippruvaw jinhallu miz-zwieg

taghhom fuq allegazzjoni li l-istess zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-ligi.

2. L-attur Joseph Zammit, fic-citazzjoni tieghu pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Jannar 2002, qieghed jallega li l-kunsens tal-konvenuta fiz-zwieg inkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll li dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’gudlizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha. Inoltre l-attur qieghed jallega li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli li ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll li l-konvenuta issimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg. Ghalhekk l-attur talab lil dik il-Qorti li tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fit-28 ta’ Gunju 1998 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

3. Il-konvenuta Bernardette Zammit ikkontestat il-kawza b’nota ta’ eccezzjonijiet ipprezentata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fil-15 ta’ April 2002 u li taqra hekk:
“1. Li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta mit-trattazzjoni stante li ghalkemm taqbel li z-zwieg taghhom huwa null, din in-nullita` hija dovuta ghal difetti u/jew anomaliji u/jew vizzji imputabbli lill-attur.

“2. Illi mhux minnu li l-kunsens ta’ l-eccipjenti kien vizzjat b’difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju jew b’anomalija psikologika serja;

“3. Illi mhux minnu li l-eccipjenti eskludiet iz-zwieg jew xi element essenzjali taz-zwieg;

“4. Illi mhux minnu li l-eccipjenti issimulat il-kunsens taghha;

“5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in kwantu li jikkolpixxu lill-eccipjenti.

"6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghall-Kontro Talba li l-eccipjenti qed tipprezenta kontestwalment mal-prezenti nota ta' eccezzjonijiet."

4. Effettivament il-konvenuta fil-kontro-talba taghha ipprezentata kontestwalment ma' l-imsemmija nota ta' l-eccezzjonijiet ukoll talbet lill-ewwel Onorabbli Qorti li tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Gunju 1998 huwa null u bla effett skond il-ligi u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv. Il-konvenuta ghamlet din it-talba wara li fil-kontro talba taghha hija ppremettiet hekk:
"Peress li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) f'Malta gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attur u l-konvenuta u miz-zwieg taghhom kellhom tifel uniku;

"U peress li dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenuta inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` ta' l-attur li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

"U peress li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta' l-istess;

"U peress li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

"U peress li l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni posttiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

"U peress li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (c) (d) u (f) tas-subartikolu wiehed(1) ta' l-Artikolu dsatax (19) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;"

5. Fl-24 ta' April 2002 l-attur ipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ghall-kontro talba tal-konvenuta li fiha eccepixxa hekk:
"1. Illi l-eccipjent jaqbel illi hemm lok ghall-annullament taz-zwieg tieghu u pprezenta din il-kawza propju ghal dan l-iskop.

"2. Illi l-eccipjent ihoss illi l-komportament tieghu matul iz-zwieg kien jikkonforma ma' dak generalment meqjus bhala normali izda billi huwa ma jhossux kapaci jiggudika lilu nnifsu, huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' dina l-Qorti dwar dak premess mill-konvenuta fil-konfront tieghu."

6. F'sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-24 ta' Frar 2005 cahdet it-talba ta' l-attur kif ukoll il-kontro talba tal-konvenuta stante li z-zewg talbiet tal-kontendenti kienu t-tnejn infondati fil-fatt u fid-dritt u dan wara li ikkunsidrat hekk:

"…. **I) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fit-12 ta' April 1980 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d) u (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Minn naha l-ohra l-konvenuta fil-kontro-talba taghha talbet li dan iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (c), (d) u (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(c)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

**(d)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

**(f)** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi **l-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** jipprovdi ghan-nullita' taz-zwieg jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Dan l-artikolu qed tibbaza fuqu l-konvenuta fil-kontro-talba taghha.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-***Kanone 1098* tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs ASpiteri"**, l-**Artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda

mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja
mizzewga.

Illi l-attur min-naha tieghu ssemmi l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u

perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo*

*matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Frar 2001); **“A Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **“AMizzi vs Pauline Mizzi”** (P.A. (RCP) 1 t’Ottubru 2002  Cit Nru 50/02/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ Gunju 1998 u kellhom tifel fl-10 ta’ Dicembru 1999, u llum jinsabu fil-process ta’ kawza ta’ separazzjoni li ghada pendenti quddiem din il-Qorti, fejn jirrizulta anke mill-atti ta’ din il-kawza li hemm glieda shiha u serja dwar il-kura u kustodja u access ta’ l-istess minuri, kwistjoni li jidher li gja affetwat sew u serjament lill-partijiet u lil l-istess minuri.

Illi in tant jidher car mid-dikjarazjoni ta’ l-attur li huwa qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegazzjoni li l-istess konvenuta qarqet bih qabel iz-zwieg peress li skond huwa rrizultalu li l-mara tieghu, kawza ta’ incident li hija kellha meta kienet tifla, kellha kundizzjoni li affetwatilha l-kapacitajiet mentali u psikologici taghha, tant li hija kellha tircievi kura mentali qabel iz-zwieg, u anke wara iz-zwieg, b’dan ghalhekk li l-istess attur qed isostni li kieku kien jaf b’din il-kondizzjoni certament li ma’ kienx jizzewweg lill-konvenuta.

Illi dan kollu jinsab michud mill-konvenuta, li jsostni li kemm hija u kemm il-genituri taghha kienu informaw lill-attur b’dan l-incident, liema incident hija kienet fieqet ghal kollox minnu, u xi probemi ta’ dipressjoni li hija setgha kellha wara z-zwieg, kien biss rizultat tat-tqala li hija kellha, apparti l-attitudini ta’ l-attur lejha u l-inkwiet serju li tallega li kkwawzalha.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta f’din il-kawza u thoss li l-allegazzjonijiet ta’ l-attur f’dan il-kaz ma gewx ippruvati, anzi jidher li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, li l-istess vantazzjonijiet ta’ l-attur gew kontradetti sa’ l-inqas dettal mix-xhieda kollha prodotti mill-istess konvenuta u anke mill-attur stess, inkluzi ta’ nies esperti u professjonali li kkuraw l-istess konvenuta, u dan apparti li x-xhieda prodotta turi wkoll li l-attur kien informat sew bl-incident li kellha l-konvenuta meta kienet tifla zghira.

Illi fil-fatt  dwar l-incident li kienet soffriet l-attrici meta hija kellha sitt (6) snin jirrizulta li kienet waqghet fil-gnien u kienet habtet rasha u kellha epileptic fit. Haduha Atkinson Morely Hospital u ghamlulha *ventericulo peritoneal shunt,* taht l-iskutella tar-ras, bejn il-mohh u l-meningis, bl-iskop li l-pressjoni li kienet qed tinbena gol-mohh minhabba chronic encephalitis titnehha. Skond il-Psikjatra Peter Muscat fil-fatt il-konvenuta fieqet u ghexet hajja normali minn kull att bla ebda diffikolta’ sakemm fin-1992 kellha epileptic fit u kellha dak li jissejjah *ictal confusional state,* u l-konvenuta kawza ta’ l-istess soffriet ukoll minn paranoia, u hadet il-kura ta’ l-istess u skond l-istess psikjatra, l-konvenuta fiqet ukoll minn dan.

Illi fil-fatt l-istess espert psikjatriku sostna li mbaghad kien avvicinat mill-konvenuta meta hija kienet ser tizzewweg lill-attur u kellha bzonn certifikat li hija kapaci tikkontratta l-istess zwieg u l-istess xhud hargilha certifikat li jghid li:-

*“This is to certify that Miss Saliba was under my care in 1993 because of a post ictal confusional state. She made a full recovery and medication was discontinued. She has been off medication for about three years and her mental state is stable. In my opinion she is fully capable of assuming marital obligations in the sacrament of marriage”.*

Illi huwa importanti li jinghad li kienu l-ufficjali tal-Kurja stess li talbu l-istess certifikat meta l-konvenuta qaltilhom bl-istorja taghha u dan qabel ma’ l-istess Awtorita’ Ekklesjastika tat il-permess lill-partijiet odjerni biex jidhlu fi

zwieg religjuz. Dwar dan l-istess attur jghid li huwa kien prezenti meta l-istess psikjatra hareg ic-certifikat imsemmi lill-konvenuta u huwa inutili li jibqa' jinsisti li ma' kien jaf xejn dwar din l-istorja tal-konvenuta. Certament li f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' l-attur f'dan ir-rigward ma hijiex kredibbli, anzi din il-Qorti thoss li b'dan biss gie ppruvat il-kuntrarju, u cjoe' l-versjoni tal-konvenuta giet ippruvata fil-grad rikjest mill-ligi.

Illi dan jigi wkoll issodat meta wiehed ihares lejn ix-xhieda tal-konvenuta u tal-familjari kollha taghha li kollha kemm huma kkonfermaw li l-attur kien jaf b'dan kollu, u dan qed jinghad anke meta mill-provi prodotti jirrizulta li kull dipressjoni li l-istess konvenuta ghaddiet minnha fiz-zwieg certament ma' kinitx relattata ma' dan l-incident imsemmi fit-tfulija tal-konvenuta.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess konvenuta soffriet waqt iz-zwieg b'*postnatal condition,* u certament dan ma kienx meghjun mis-sitwazzjoni bejn il-partijiet, pero' mill-provi prodotti ma' jidhirx li din il-kondizzzjoni tal-konvenuta kienet b'xi mod relattata ma' l-incident li l-istess konvenuta kienet soffriet meta kienet tifla, u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' l-istess psikjatra Peter Muscat, u mix-xhieda kollha l-ohra prodotti.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li dak kollu allegat mill-attur fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni tieghu bla ebda mod ma' gie ppruvat. Fil-fatt din il-Qorti hija konvinta li gie sostanzjalment ippruvat li l-attur kien jaf bl-incident li kellha l-konvenuta, u wkoll bl-avenimenti li graw lilha qabel iz-zwieg; li ma hemm l-ebda prova li l-konvenuta b'xi mod qarqet bl-attur, jew li hbiet minnu xi haga dwarha jew dwar il-kondizzjoni taghha li setghet taffetwa l-kunsens ta' l-attur f'dan iz-zwieg; ma hemm l-ebda prova li l-konvenuta kellha xi debilita' mentali li kienet timpediha milli taghti l-kunsens taghha validament ghall-istess zwieg.

Illi din il-Qorti thoss li b'mod mill-iktar kategoriku, u b'referenza ghall-premessi tac-citazzjoni attrici, gie ppruvat li l-istess konvenuta kellha l-kapacita' u fil-fatt tat

il-kunens taghha validament ghall-istess zwieg, u fehmet b’mod assolut l-obbligazjonijiet taghha taz-zwieg u l-element essezjali ta’ l-istess, u wkoll bl-ebda mod ma’ ssimulat il-kunsens taghha ghall-istess zwieg. Gie wkoll ppruvat li l-istess konvenuta ma’ kienet qed isosfri mill-ebda anomalija psikologika li ghamilha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazjonijiet taghha ghaz-zwieg. Il-provi prodotti, u anke c-certifikati medici esebiti proprju jipprovaw il-kontrarju, u jinghad li l-attur kien ukoll a konoxxenza ta’ l-istess minn qabel l-istess zwieg. Certament li din il-Qorti thoss li fuq kollox il-mod kif hija mpostata l-azzjoni attrici fejn indikat vizzju ta’ kunsens *da parte* tal-konvenuta abbazi ta’ l-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** hija kompletament bla bazi u infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar il-vizzju ta’ kunsens *da parte* ta’ l-attur allegat mill-konvenuta, din il-Qorti thoss li dan ukoll ma’ giex ippruvat, anzi jirrizulta lil din il-Qorti li l-partijiet fehmu l-kuncett taz-zwieg, impenjaw ruhhom ghal-istess, u verament riedu jghixu flimkien u ppreparaw kemm setghu ghall-istess, kemm f’dak li huwa materjali w ukoll dak li huwa emozzjonali bejniethom, u dan mill-ahjar li setghu fic-cirkostanzi. Certament lanqas jirrizulta li l-allegazjoni tal-konvenuta li l-attur ssimula l-kunsens tieghu fiz-zwieg giet ipprovata u ghalhekk il-kontro-talba attrici lanqas giet ppruvata.

Illi lanqas gie ippruvata l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur qarraq biha, ghalkemm ma hemm l-ebda dubju li l-koppja kellha problemi kbar waqt iz-zwieg, animati anke bl-indhil tal-genituri rispettivi fil-kwistjonijiet ta’ bejniethom, u jidher li llum l-istess partijiet huma determinati li kemm jista’ jkun iferu lill-parti l-ohra u dahlet animosita’ serja bejniethom li qed taffetwa sew lill-minuri. Certament din il-Qorti thoss li ghal gid tal-minuri din l-attitudini tal-partijiet lejn xulxin ghandha tittaffa, pero’ dan fl-ambitu ta’ kawza ta’ separazzjoni, fejn din il-Qorti thoss li huwa fl-interess taghhom, li bl-ghajnuna tad-difensuri taghhom jaslu b’xi forma ta’ ftehim, anke dwar ir-relazzjoni ta’ kull parti ma’ l-istess minuri, bl-ghajnuna anke ta’ persuni ohra professjonali li jissalvagwardjaw l-interess tal-minuri.

Illi izda fl-optika ta’ azzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta wkoll ma’ gewx ippruvati; anzi jidher li l-partijiet ghamlu minn kollox f’din il-kawza sabiex jisskreditaw l-allegazzjonijiet tal-parti l-ohra, u din il-Qorti thoss li certament irnexxilhom jaghmlu dan, tant li din il-Qorti thoss li abbazi tax-xhieda minnhom prodotti rispettivament, hadd mill-partijiet ma’ irnexxilu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu jew taghha, anzi kull parti ppruvat bl-iktar mod assertiv li kemm ir-ragel u kemm il-mara taw kunsens validu ghall-istess zwieg. Ghalhekk it-talba ta’ l-attur fic-citazzjoni attrici u t-talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi dwar ic-citazzjoni attrici, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak fuq premess u hawn deciz, **tichad it-talba attrici *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, in kwantu l-istess eccezzjonijiet huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad il-kontro-talba ta’ l-istess konvenuta *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez ta’ l-istess kontro-talba kontra l-istess konvenuta.”

**<u>II. L-APPELL</u>**

7. Iz-zewg kontendenti fil-kawza hassewhom it-tnejn li huma aggravati b’din is-sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti. Infatti r-rikors ta’ l-appell tal-konvenuta gie pprezentat fil-15 ta’ Marzu 2005 filwaqt li dak ta’ l-attur gie pprezentat quddiem din il-Qorti l-ghada 16 ta’ Marzu 2005.

8. Fir-rikors ta' l-appell taghha, il-konvenuta, wara li spjegat dettaljatament l-aggravji taghha, talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza in kwantu li t-talbiet ta' l-attur gew michuda, tilqa' t-talbiet taghha dedotti fil-kontro-talba pprezentata man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u tiddikkjara z-zwieg bejn il-partijiet konjugi Zammit iccelebrat f'Malta fit-28 ta' Gunju 1998 huwa null u bla effett legali u sussegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna skond il-ligi, filwaqt li tordna l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jigu addebitati lill-attur.

9. Ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur ukoll jelenka l-aggravji li huwa qieghed isostni f'dan l-appell fil-konfront tas-sentenza appellata. L-attur qieghed jitlob li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-28 ta' Gunju 1998 huwa null u bla effett legali ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(c), (d), (f) u (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

10. Fir-risposti ta' l-appell relattivi taghhom, il-partijiet ikkontestaw l-appell interpost mill-parti l-ohra. Il-konvenuta, ghar-ragunijiet spjegati fl-istess risposta taghha sostniet li l-aggravji ta' l-attur appellat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u hija irriaffermat it-talba taghha kontenuta fir-rikors ta' l-appell ipprezentat precedentement minnha.

11. Fir-risposta ta' l-appell tieghu, l-attur wara li wiegeb ghall-aggravji diversi mressqa mill-konvenuta fir-rikors ta' l-appell taghha, talab li din il-Qorti joghogobha tichad it-talbiet ta' l-appellanti bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

12. F'din il-kawza z-zewg partijiet qeghdin jaqblu bejniethom li z-zwieg taghhom celebrat fit-12 ta' April 1980 ghandu jigi dikjarat null. Pero`, filwaqt li l-attur qieghed jallega li tali nullita` temana da parti ta' difett li gej mill-konvenuta, din l-istess konvenuta min-naha taghha qeghdha tirrespingi din l-allegazzjoni bis-sahha

kollha. Minflok hija qeghdha tallega li z-zwieg taghhom huwa null minhabba difett attribwibbli lill-attur. Bhala fatt, l-attur qieghed jikkontesta assidwament din l-allegazzjoni ta’ martu nonostante li fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenuta huwa kien originarjament stqarr li l-komportament tieghu matul iz-zwieg kien jikkonforma ma’ dak generalment meqjus bhala normali izda billi huwa ma jhossux kapaci jiggudika lilu nnifsu, huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti dwar dak premess mill-konvenuta fil-konfront tieghu.

13. L-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni li hadd mill-partijiet ma rnexxielu jressaq provi sodisfaccenti bizzejjed biex jissostanzja l-allegazzjonijiet reciproci migjuba fic-citazzjoni u fl-imsemmija kontra talba, u li a bazi taghhom iz-zewg partijiet qeghdin jirritjenu li z-zwieg bejniethom ghandu jigi dikjarat bhala wiehed null u bla ebda effett.

14. Iz-zewg partijiet appellaw minn din id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti u allura l-kompitu ta’ din il-Qorti huwa li tindaga l-aggravji li gew imressqa rispettivament miz-zewg kontendenti sabiex jigi stabbilit jekk l-ewwel Qorti wasslitx ghall-konkluzjoni gusta u skond il-ligi a bazi tal-provi akkwiziti fil-process.

15. Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe` li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe` li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.

16. Huwa bizzejjed maghruf ukoll principju iehor imhaddan minn din il-Qorti u cioe` li din il-Qorti bhala qorti ta’ revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni adoperata mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-apprezzament tal-provi. Din i l-Qorti tkun fid-dover li taghmel hekk biss jekk tintwera raguni gravi u impellenti

bizzejjed biex tiggustifika tali operat u b'hekk tigi evitata ingustizzja manifesta lil xi parti jew lit-tnejn.

17. L-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg bazata fuq id-disposizzjoni kontenuta fis-subincizi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kontro-talba taghha, il-konvenuta qeghdha titlob lill-Qorti taghmel l-istess dikjarazzjoni a bazi ta' l-istess subincizi kif ukoll tas-subinciz (c) ta' l-istess Artikolu ta' l-istess Kapitolu. Dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi in kwistjoni jinsabu diga` citati aktar 'l fuq f'din l-odjerna sentenza u ghalhekk ma hemm l-ebda htiega li jigu riprodotti f'din il-parti tas-sentenza.

18. Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata min jibbaza t-talba tieghu ta' nullita` taz-zwieg fuq id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (c) fuq imsemmi cioe` il-qerq, ikun jehtieg li ssir prova sodisfaccenti ta' erba' elementi:
a. li l-qerq perpetrat isir bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti l-ohra;
b. li l-qerq prattikat minn parti wahda jkun incida effettivament fuq il-kunsens tal-parti l-ohra;
c. li l-qerq prattikat ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra; u
d. li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

19. Dwar il-motiv tan-nullita` derivanti mill-Artikolu 19(1)(d) ta' l-imsemmi Kap. 255, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata taghha u zzid is-segwenti. Fil-mument li l-partijiet jaghtu l-kunsens reciproku taghhom huma jkunu qeghdin jintrabtu fil-hajja mizzewga u ghalhekk ikunu qeghdin juru li jridu u li qeghdin jassumu d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali li johorgu mir-rabta matrimonjali. Huwa ghalhekk essenzjali li l-partijiet jaghtu dan il-kunsens taghhom b'mod xjenti kif ukoll liberu. Biex jaghmlu hekk ikun jehtieg li jipposjedu dak l-istat ta' maturita` ta' gudizzju li jikkomprendi kemm il-kapacita` intellettwali li jaghrfu u jifhmu l-obbligi sostanzjali taz-zwieg kif ukoll hija necessarja r-rieda

libera li jassumu l-istess obbligi ghall-gejjieni. Jekk jintwera sodisfacentement li l-partijiet, jew xi wahda minnhom kellha l-kapacita` intellettwali jew il-volonta` taghha fuq imsemmija gravament mittiefsa jew ghad-dirittura nieqsa ghal kollox, allura r-rabta konjugali tkun nulla minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.

20. Is-subinciz (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li zwieg ikun null jekk ikun affettwat b’anomolija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ta’ min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li taghmilha impossibli u mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

21. Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jenhtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta’ zwieg bazata fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta’ zwieg minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.

22. Wara li din il-Qorti accennat ghall-principji legali li huma relevanti fil-kaz odjern hija sejra tghaddi biex tezamina l-aggravji rispettivi tal-partijiet. Ma jidhirx li hemm bzonn li l-provi l-aktar saljenti li ressqu l-partijiet jigu elenkati hawnhekk f’din is-sentenza ghaliex dan il-

kompitu diga` sar sewwa mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata u li l-parti relevanti taghha tinsab inkorporata fl-odjerna sentenza.

23. L-aggravju ta' l-attur huwa sostanzjalment dan is-segwenti. L-attur jammetti li huwa kien gie infurmat minn martu u mill-genituri taghha qabel iz-zwieg li l-istess martu, meta kienet ghadha tifla zghira, kellha incident pjuttost serju meta waqghet u habtet rasha u kellha tinghatha kura medika kemm f'Malta kif ukoll fi sptar Ingliz. Madanakollu, l-attur qieghed jishaq hafna li huwa qatt ma kien gie informat dwar il-problemi mentali li rrizultaw bhala konsegwenza ta' dik il-waqgha ta' martu meta kienet ghadha tifla zghira. Huwa jallega li l-konvenuta kellha anomalija psikologika kagunata mill-waqgha u li l-effetti taghha gew mohbija lilu qabel iz-zwieg. In oltre, l-attur jallega li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li l-konvenuta bdiet turi atteggjament mhux normali immeddjatament wara li gie celebrat iz-zwieg, sahhansitra waqt l-istess honeymoon. Huwa jirrimarka li s-sintomi tad-dipressjoni bdew jimmanifestaw ruhhom qabel it-twelid tat-tarbija taghhom u jiccita din is-silta mill-affidavit tieghu:
"xahar u nofs miz-zwieg, morna tlett ijiem l-Ingilterra u hmistax-il gurnata cruise u waqt il-qamar il-ghasel, bdejt ninnota illi Bernardette bdiet tagixxi b'mod differenti. Bdiet tahtafni u tghajjat u twerzaq mieghi ghal xejn b'xejn ….. wara l-honeymoon fil-ghaxijiet gieli kont immur inkompli d-dar il-gdida pero` xorta konna insibu l-hin biex nohorgu. Kont naghmel ix-xirja b'mod specjali fil-ghodu l-hobz u l-affarijiet li jkun hemm bzonn biex issajjar u dan qabel ma mmur x-xoghol generalment. Nghid illi in oltre illi meta kont nirritorna lura mix-xoghol u Bernardette kienet tkun ghadha xoghol kont innaddaf u nizbarazza. Kien hemm drabi illi nonostante l-fatt illi kont naghmel dan ix-xoghol kollu xorta kienet tghajjat mieghi u tghidli illi kont qed nohdilha xogholha."

Inoltre l-attur jishaq li l-konvenuta ghadha taht kura psikjattrika u li fi Frar 2003 u cioe` tlett snin wara t-twelid tat-tarbija taghhom, il-konvenuta ppruvat tikkommetti suwicidju b'*overdose* ta' pilloli li kienet qeghdha tiehu

minhabba d-dipressjoni. L-attur hawnhekk jesprimi l-fehma li *Post Natal Depression* ma ddumx dak it-tul taz-zmien kollu jekk mhux ghax konnessa ma’ problemi mentali li kienu diga` jezistu qabel bhal fil-kaz in ezami. L-attur in oltre jikkritika certifikat mahrug minn psikjatra Peter Muscat qabel iz-zwieg u cioe` 1998 u jirrimarka li dan ic-certifikat wiehed ma kellux joqghod fuqu ghaliex l-istess psikjatra kien xehed illi l-ahhar darba li kien ra lill-konvenuta kien fis-sena 1993 u cioe` hames snin qabel. L-attur kompla jghid li jidhol dubju fuq il-kontenut ta’ dak ic-certifikat ghaliex meta nhareg il-psikjatra ma kienx ikkonsulta ruhu mal-*file* ta’ l-isptar izda, ghaliex ma hassx il-bzonn li jghamel hekk izda waqaf fuq il-kelma tal-konvenuta.

24. Fir-risposta ta’ l-appell taghha l-konvenuta ikkontestat l-allegazzjonijiet kollha imressqa mill-attur fl-appell tieghu. Hija sostniet li hija kienet kapaci biex taghti l-kunsens validu ghaz-zwieg kif ukoll biex tassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Hija tghid li resqet provi li kemm hija stess kif ukoll il-genituri taghha kienu taw lill-attur kull informazzjoni dwar is-sahha taghha meta kienu ghadhom gharajjes. Tispjega li hija kellha hajja normali – kienet tahdem, spiccat l-edukazzjoni taghha, kienet involuta f’diversi attivitajiet kulturali u socjali u kienet tfajla ferrieha. Qalet ukoll li hija ma kenitx fuq ebda medikazzjoni sa minn qabel iz-zwieg u li dan kien konsapevoli tieghu l-attur. Il-konvenuta irriferiet ukoll ghall-fatt li huma kienu gew mitluba mill-awtoritajiet ekklezjastici biex jipproducu certifikat minn Dr. George Debono rigward il-kapacita` taghha ghaz-zwieg u infatti Dr. Debono irrilaxxja tali certifikat li hija kienet kapaci ghaz-zwieg u certifikat simili gie wkoll rillaxxjat minn Dr. Peter Muscat. Irriferiet ghall-fatt li wara li twieldet it-tarbija taghha hija batiet minn *Post Natal Depression*. F’dan il-mument meta l-aktar kellha bzonn komprensjoni l-attur ma wera l-ebda mhabba u rispett lejha u kienet ezattament il-mohqrija li sofriet mill-attur li aggravala l-kundizzjoni taghha. Din il-kundizzjoni avverat ruhha wara z-zwieg u wara t-twelid ta’ binha u ma kien hemm ebda ness ta’ kawzalita` bejn il-*Post Natal Depression* u l-incident li kellha qabel iz-

zwieg. Il-konvenuta issottomettiet li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament sewwa tal-provi fir-rigward tal-kapacita` taghha li tidhol ghaz-zwieg a bazi tax-xhieda tat-tobba li nstemghu bhala xhieda fil-kawza. Hija cahdet li hija ipprovat tikkommetti xi suwicidju kif kien qed jigi allegat mill-attur.

25. Jirrizulta li l-attur huwa tmien snin akbar mill-konvenuta kif ukoll li huma damu flimkien ghall-hames snin shah qabel ma zzewgu. Dakinhar l-attur kellu disgha u ghoxrin (29) sena waqt li l-konvenuta kellha wiehed u ghoxrin (21) sena. Din il-Qorti qieset akkuratament il-kawzali li l-attur qieghed iressaq quddiem il-Qorti biex iz-zwieg tieghu jigi dikjarat null u dana fid-dawl tal-provi kollha migbura fil-process u jidhrilha li l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta li l-attur ma pprovax sodisfacentement l-allegazzjonijiet tieghu. Infatti l-addebiti kollha li l-attur ressaq fil-konfront tal-konvenuta gew minnha sostanzjalment skreditati u bl-ebda mod ma rrizulta li l-konvenuta issimulat il-kunsens taghha jew li kellha xi difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha. L-attur lanqas irnexxielu jipprova sodisfacentement li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li ghamilha impossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Konsegwentement din il-Qorti mhux biss ma ssib xejn li a bazi tieghu tista’ gustament tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti izda ghandha tghid illi hija tikkondividi pjenament dak l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti fil-konfront tac-citazzjoni ta’ l-attur. Ghadaqstant certament ma hemmx lok li l-appell ta’ l-attur jintlaqa’.

26. Kwantu ghall-appell imressaq mill-konvenuta, din qeghda tissottometti li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi imressqa minnha u li wrew li l-attur kien isofri minn difett gravi fil-personalita` tieghu, li sforz ta’ l-istess ma kienx kapaci jerfa’ r-responsabbiltajiet u jaqdi d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Hija ikkumentat dwar id-differenza li kien

dejjem juri lejha kemm sesswalment u kif ukoll sentimentalment. Qalet li ftit kien kapaci jikkomunika magħha, kien egoist u jfittex l-interessi tiegħu. Meta l-aktar kellu bzonnu u bzonn l-imħabba, il-komprensjoni u r-rispett tiegħu, cioe` meta twieldet it-tarbija tagħhom, f'liema perijodu hija kienet qegħdha ssofri minn *Post Natal Depression*, minflok ma għenha u rrispettaha huwa adotta pjan koncertat biex jgħaddiha ta' mignuna jew ta' persuna li hija marida mentalment minkejja parir għall-kuntrarju mill-psikjatra tagħha. Il-konvenuta issottomettiet li l-attur kien impediha li tixtri karozza u *mobile phone* u dan ikkagunalha tbatija fizika billi kellha mixja mix-xogħol lura kuljum xemx u xita. Qalet ukoll li ħalla d-dar tagħhom fi stat kwazi inabitabbli. Hija rreferiet ukoll għar-rapport ta' Dr. Sharon Camilleri li l-kontenut tiegħu kien jikkorrabora bi sħiħ it-tezi tagħha li l-attur ma kienx kapaci u lanqas ried li jidħol għaz-zwieg magħha sabiex jibni ħajja konjugali fis-sens li titlob il-ligi u ikkritikat is-sentenza appellata għaliex m'għamlet l-ebda riferenza għal dan ir-rapport ta' Dr. Sharon Camilleri. Fl-appell tagħha l-konvenuta issottomettiet u enfasizzat li dawn il-fatti kollha kienu juru li l-attur ma kellux il-maturita` affettiva biex jagħti l-kunsens validu għaz-zwieg. Hija ikkritikat is-sentenza appellata wkoll għaliex allegat li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tat l-ebda piz għall-fattur ta' l-immaturita` affettiva li tista' tirrendi null il-kunsens mogħti għaz-zwieg. Fir-risposta ta' l-appell tiegħu l-attur wiegeb li l-konvenuta fl-ebda mument ma gabet provi rigwardanti xi anomalija psikologika jew difett fil-personalita` ta' l-attur. Hija naqset li tipproduci tobba u/jew psikjatri li setgħu jixhdu dwar il-problemi mentali jew difetti fil-personalita` tiegħu in sostenn tat-tezi tagħha u dan peress li l-attur qatt ma kien taħt kura psikjattrika. L-attur ta l-vizjoni tiegħu biex jirribatti l-fatti addebitati kontrih fir-rikors ta' l-appell tal-konvenuta. Fost sottomissjonijiet oħra huwa qal illi l-konvenuta kienet bdiet tagixxi miegħu b'mod mhux normali sa mill-gurnata tal-*honeymoon* stess, u l-agir tagħha baqa' jiggrava wara t-twelid tat-tarbija. L-attur zied jgħid li wara li kienu ingħalqu l-provi tal-partijiet u qabel ma ingħatat is-sentenza, il-konvenuta esebiet kopja ta' rapport ta' Dr. Sharon Camilleri li kien gie

esebit waqt il-proceduri ta' separazzjoni fl-ismijiet inversi u li ghadhom m'humiex konkluzi.  L-attur irrimarka li dan ir-rapport ghadu ma jistax jitqies finali peress li kienu gew nominati periti perizjuri u dawn ghadhom ma lestewx l-inkarigu moghti lilhom.

27. Huwa veru li s-sentenza appellata ma ssemmi xejn dwar l-imsemmi rapport ta' Dr. Sharon Camilleri. Madanakollu, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan in-nuqqas ma jikkostitwix xi difett fl-istess sentenza ghaliex din il-Qorti taqbel sostanzjalment mar-rimarki li ghamel l-attur fir-risposta ta' l-appell tieghu dwar dana l-aspett u li gew rapportati aktar qabel f'din is-sentenza.

28. Jidher car li l-enfasi fl-appell tal-konvenuta huwa li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament xieraq tal-provi li ressqet quddiem l-istess Qorti.  Fl-appell taghha l-konvenuta qeghdha tenfasizza li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta' l-istess hajja mizzewga.  X'aktarx li hija tikkoncedi li l-attur kellu l-kapacita` intellettwali li biha seta' jifhem u japprezza x'jinvolvu l-istess drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg.  Madanakollu hija qeghdha ssostni fl-appell taghha li l-attur ma kellux dik il-maturita` rikjesta biex ikun jista' jaghti kunsens liberu validu mill-punto di vista ta' l-aspett emottiv u affettiv.

29. Certament l-oneru tal-prova ta' din l-allegazzjoni tal-konvenuta jinsab fuqha.  Certament fil-process ma hemm l-ebda prova ta' perizja psikologika jew psikjatrika dwar din l-allegazzjoni tal-konvenuta, kif sewwa rrimarka l-attur fir-risposta ta' l-appell tieghu.  M'hemm l-ebda dubju ta' xejn li z-zwieg bejn il-kontendenti ma kienx wiehed felici.  Minbarra din il-kawza, il-kontendenti ghandhom kawza ohra pendenti cioe` kawza ta' separazzjoni personali u huwa evidenti li z-zewg kawzi qeghdin jigu ikkombattuti b'akkaniment konsiderevoli. Naturalment iz-zewg kawzi ghandhom skop u indagni diversa.  Irid jigi enfasizzat li fil-kawza odjerna l-kompitu essenzjali ta' din il-Qorti huwa li tindaga dwar il-kapacita` tal-kontendenti li jaghtu kunsens validu fis-

sens tal-ligi fil-mument meta huma ccelebraw iz-zwieg taghhom. L-eventi li graw qabel dan iz-zmien jew wara dan iz-zmien huma relevanti biss jekk jistghu jixhtu dawl fuq l-indagni hekk iffokata tal-Qorti.

30. Huwa risaput li mhux kwalunkwe nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jista' jaghti lok ghal nullita` ta' kunsens fiz-zwieg. Il-ligi stess timponi li tali nuqqas irid ikun wiehed serju. Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-provi akkwiziti fil-process u waslet ghall-konkluzjoni li ma hemmx dak in-ness mehtieg bejn ic-cirkostanzi rilevati mill-konvenuta fir-rikors ta' l-appell taghha u bejn l-addebitu dwar l-allegata inkapacita` ta' l-attur mill-aspett emottiv u affettiv. Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament xieraq u gust u korrett tal-provi li tressqu quddiemha. Tikkondividi wkoll dak li qalet l-ewwel Qorti meta rrimarkat illi l-kontendenti rnexxielhom jiskreditaw l-allegazzjonijiet reciproci li ghamlu f'din il-kawza. Konsegwentement l-ewwel Qorti kienet korretta meta hija kkonkludiet li l-konvenuta ma rnexxielhiex tipprova sodisfacentement l-allegazzjonijiet kontenuti fil-kontro talba taghha. Ghalhekk l-appell taghha ma jistax jintlaqa'.

31. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tirrespingi kemm l-appell ta' l-attur kif ukoll l-appell tal-konvenuta. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata filwaqt li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kwantu ghall-appell ta' l-attur mill-istess attur u kwantu ghall-ispejjez konnessi ma' l-appell tal-konvenuta, mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------